Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, u għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 370 ta' l-Att, ngħarrfu li l-isem tal-kumpannija Manor Investments Limited (C 16086) b'uffiċċju rreġistrat Rosedale, Triq il-Kannizzata, Balzan, Malta ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru fl-10 ta' Jannar 2004 minħabba l-qsim tagħha f'erba' kumpanniji riċevituri msemmija hawn taħt Aquisons Company Limited (C 27153) b'uffiċċju rreġistrat Capricorn, Islets Promenade, Buġibba, Malta, Bond Street Limited (C 31273), Manor Holdings Limited (C 31269) b'uffiċċju rreġistrat 1, Col. Savona Street, Sliema, u Diandra Investments Limited (C 30695) b'uffiċċju rreġistrat Villa l-Kenn, Triq il-Prekursur, High Ridge, St Andrews, Malta.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In accordance with paragraph (e) of sub-section (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995 and for the purpose of subsection (1) of Section 370 of the Act it is hereby notified that the name of the company Manor Investments Limited (C 16086) with registered office at Rosedale, Triq il-Kannizzata, Balzan, Malta was struck off the Register on 10th January 2004 by virtue of its division into the under-mentioned four recipient companies Aquisons Company Limited (C 27153) with registered office at Capricorn, Islets Promenade, Buġibba, Malta, Bond Street Limited (C 31273), Manor Holdings Limited (C 31269) with registered office at 1, Col. Savona Street, Sliema, and Diandra Investments Limited (C 30695) with registered office at Villa l-Kenn, Triq il-Prekursur, High Ridge, St Andrews, Malta.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, u għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 370 ta' l-Att, ngħarrfu li l-isem tal-kumpannija Big Bon Property Holdings Ltd (C 24389) b'uffiċċju rreġistrat 133A, Naxxar Road, B'Kara, Malta ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru fit-12 ta' Diċembru 2003 minħabba l-qsim tagħha f'zewg kumpanniji riċevituri msemmija hawn taħt Smart Moves Limited (C 29696) b'uffiċċju rreġistrat Smart Supermarket, Naxxar Road, Balzan, Malta u Big Bon Immobilier Limited (C 29900) b'uffiċċju rreġistrat 133A, Naxxar Road, B'Kara, Malta

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In accordance with paragraph (e) of sub-section (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995 and for the purpose of subsection (1) of Section 370 of the Act it is hereby notified that the name of the company Big Bon Property Holdings Ltd (C 24389) with registered office at 133A, Naxxar Road, B'Kara, Malta was struck off the Register on 12th December 2003 by virtue of its division into the under-mentioned two recipient companies Smart Moves Limited (C 29696) with registered office at Smart Supermarket, Naxxar Road, Balzan, and Big Bon Immobilier Limited (C 29900) with registered office at 133A, Naxxar Road, Birkirkara, Malta

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Għall-finijiet tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' 1995 dwar il-Kumpanniji, ngħarrfu li s-Sur Stefan Bonello Ghio l-istralċjarju tal-kumpannija S & C Cauchi Limited (C 6403) b'uffiċċju rreġistrat 28, Triq id-Disgħa ta' April, Mosta, Malta, ikkonsenja kopja tar-rendikont u ta' l-iskema tad-distribuzzjoni, flimkien mar-rapport ta' l-awdituri u l-prospett tal-laqgħa li tkun saret, skond l-artikolu 274 (2) ta' dan l-Att, biex l-isem ta' din il-kumpannija jitħassar minn fuq ir-Reġistru.

Ir-Reġistrazzjoni ġiet effettwata fil- 20 ta' Jannar 2004.

Kull persuna li jkollha interess f'din il-kumpannija hija avżata li jekk ma tagħmilx dan fil-Qorti Ċivili skond l-artikolu 275 ta' dan il-Att, ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Reġistru hekk kif jgħaddu 3 xhur mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

Notice is hereby given for the purpose of paragraph (e) of sub-section (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995 that Mr Stefan Bonello Ghio liquidator of S & C Cauchi Limited (C 6403) with registered office at 28, Triq id-Disgha ta' April, Mosta, Malta has delivered a copy of the liquidation accounts and of the scheme of distribution together with the auditors report and the Return of the General Meeting, in accordance with Section 274 (2) of this Act, for striking the name of the said company off the register

Registration was effected on 20th January 2004.

Any person having an interest in the said company is hereby advised that unless an application is filed in the Civil Court in terms of Section 275 of the Act, the Registrar shall strike the name of the company off the Register on the expiration of 3 months from the publication of this notice.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji jgħarraf li l-isem tal-kumpanniji li jidhru hawn taħt ġie mħassar minn fuq ir-reġistru skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji.

Isem *Name*	Nru. tar-Reġistrazzjoni *Registration No.*	Data tat-Thassir *Date of Striking off*
A & M Co. Limited	C 9071	10.01.2004
Alpha Aluminium and Signs Company Limited	C 8997	10.01.2004
Associated Business Corporation Ltd.	C 9046	10.01.2004
Axiak & Sons Development Company Limited	C 5323	10.01.2004
Bendoċs Poultry Ltd.	C 15124	10.01.2004
Bicycle Manufacturers of Malta Limited	C 15779	10.01.2004
Building Market – Linea Bianca Limited	C 15290	10.01.2004
Dor Limited	C 8956	10.01.2004
Eurocoin Ltd.	C 8969	10.01.2004
Europac Limited	C 8959	10.01.2004
Future Electronics Limited	C 9078	10.01.2004
G.T. Enterprises Limited	C 9089	10.01.2004
Intertec Systems Limited	C 8950	10.01.2004

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji u għall-finijiet tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 370 ta' l-istess Att ngħarrfu li d-diviżjoni ta' Big Bon Property Holdings Ltd (C 24389) b'uffiċċju rreġistrat 133A, Naxxar Road, B'Kara, Malta ġiet fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2003.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

Għall-finijiet tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, ngħarrfu li s-soċjeta' f'isem kollectiv Eco-Standards Services (P 868) b'uffiċċju Reġistrat 5, Goldfield House, Dun Karm Str., B'Kara, Malta ġiet xolta fil-1 ta' Ġunju 2001.

Ir-Registrazzjoni ġiet effettwata fit-13 ta' Jannar 2004.

Kull kreditur tas-soċjetà huwa nfurmat li jekk ma ssirx oppożizzjoni permess ta' ċitazzjoni skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 21 ta' l-Att, ix-xoljiment jibda jseħħ tliet xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO, LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

Notice is hereby given that the names of the undermentioned limited liability companies were struck off the register in terms of subsection (2) of section 325 of the Companies Act, 1995.

Isem *Name*	Nru. tar-Reġistrazzjoni *Registration No.*	Data tat-Thassir *Date of Striking off*
International Datalogic Machines Limited	C 8979	10.01.2004
Jon Davill Ltd.	C 9087	10.01.2004
L. & C. Caterers Ltd.	C 15642	10.01.2004
LCM Company Limited	C 8923	10.01.2004
LTC Ltd.	C 9122	10.01.2004
Mallia & Co. Ltd.	C 15088	10.01.2004
Malta Services and Investments Limited	C 15675	10.01.2004
Marton Trading Agency Limited	C 8937	10.01.2004
Miska Company Limited	C 8910	10.01.2004
Montego Limited	C 15762	10.01.2004
Offshore Boat Services Ltd.	C 15175	10.01.2004
Polyprotection Limited	C 12371	10.01.2004
Sphinx Co. Ltd.	C 15507	10.01.2004
Starways Tours Limited	C 9118	10.01.2004
Sub Sea Services Limited	C 2232	10.01.2004

In accordance with paragraph (e) of sub-section 1 of Section 401 of the Companies Act, 1995, and for the purpose of subsection (2) of Section 370 of the said Act, it is hereby notified that the division of Big Bon Property Holdings Ltd (C 24389) with registered office at 133A, Naxxar Road, B'Kara, Malta has became effective on 12th December 2003.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Notice is hereby given for the purpose of paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995 that Eco-Standards Services (P 868) with a registered office at 5, Goldfield House, Dun Karm Str., B'Kara, Malta was dissolved on the 1st June 2001.

Registration was effected on 13th January 2004.

Any creditor of the partnership is advised that unless objection by wirt of summons, in terms of subsection (2) of section 21 of the Act, the dissolution shall become effective on the lapse of three months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO, LL.D.
Registrar of Companies

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji ngħarrfu li fis-7 ta' Jannar 2004 id-diretturi tal-Kumpannija Portanier Estates Limited (C 5499) b'uffiċċju rreġistrat 389-394, St Joseph Road, Ħamrun, Malta, ikkonsenjaw għar-Reġistrazzjoni u pubblikazzjoni kopja ta' riżoluzzjoni straordinarja għal tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ, skond is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83 ta' dan l-Att.

Reġistrazzjoni ġiet effettwata fil-21 ta' Jannar 2004.

Kull kreditur tal-kumpannija li d-dejn tagħha kien jeżisti qabel il-pubblikazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni hu infurmat li jekk ma ssirx oppożizzjoni skond il-liġi, ir-riżoluzzjoni tibda sseħħ tliet xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu 1 ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpannji ngħarrfu li il-membri tal-kumpannija li takkwista Delia Woodworks Limited (C 14693) b'uffiċċju rreġistrat Delia House, Old Church Street, Siggiewi, Malta u tal-kumpannija li tkun se tiġi akkwistata C.R.C. Components Limited (C 21162) b'uffiċċju rreġistrat Factory A, 5A, Marsa Industrial Estate, Marsa, Malta, ikkonsenjaw għar-Reġistrazzjoni, għall-finijiet ta' l-artikolu 350 tal-Att, kopji tar-riżoluzzjonijiet straordinarji li japprovaw l-amalgamazzjoni flimkien mad-dokument li jagħtihom effett.

Ir-Reġistrazzjoni ġiet effettwata fit-22 ta' Jannar 2004.

Kull parti interessata fl-imsemmija kumpanniji hija infurmata li jekk ma ssirx oppożizzjoni permezz ta' ċitazzjoni, skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 351 tal-Att, l-għaqda tibda sseħħ tliet wara d-data tal-publikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, ngħarrfu li fil-11 ta' Diċembru 2003 id-diretturi tal-kumpannija li takkwista Oxford Estates Limited (C 9646) b'uffiċċju rreġistrat 5, Schembri Street, Ħamrun, Malta u d-diretturi tal-kumpannija li tkun se tiġi akkwistata Flora Futura Limited (C 10369) b'uffiċċju rreġistrat Flora Futura, Triq Wied il-Għomor, St Julians, Malta, ikkonsenjaw l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-akkwist għar-Reġistrazzjoni u pubblikazzjoni skond paragrafu (a) tas-subartiklu 3 ta' l-artikolu 358 ta' dan l-Att.

In accordance with paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995, it is hereby notified that on the 7th January 2004 the directors of Portanier Estates Limited (C 5499) with registered office 389-394, St Joseph Road, Hamrun delivered for registration and publication a copy of an extraordinary resolution for a reduction of the issued share capital in terms of sub-section (1) of Section 83 of the said Act.

Registration was effected on 21st January 2004.

Any creditor of the company whose debt existed prior to the publication of this statement is advised that unless objection is lodged in terms of law, the resolution shall become effective on the lapse of three months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

In accordance with paragraph (e) of sub section 1 of Section 401 of the Companies Act, 1995 it is hereby notified that the members of the acquiring company Delia Woodworks Limited (C 14693) with registered office at Delia House, Old Church Street, Siggiewi, Malta and of the company being acquired C.R.C. Components Limited (C 21162) with registered office at Factory A, 5A, Marsa Industrial Estate, Marsa, Malta have submitted for registration, for the purpose of section 350 of the Act, copies of the extraordinary resolutions approving the amalgamation together with the instruments giving effect thereto.

Registration was effected on 22nd January 2004.

Any interested party in the said companies is advised that unless objection is lodged, by writ of summons, in terms of subsection (2) of Section 351 of the Act, amalgamation shall become effective on the lapse of 3 months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

In accordance with paragraph (e) of sub-section 1 of Section 401 of the Companies Act, 1995, it is hereby notified that on the 11th December 2003 the directors of the acquiring company Oxford Estates Limited (C 9646) with registered office at 5, Schembri Street, Hamrun, Malta and of the company being acquired Flora Futura Limited (C 10369) with registered office at Flora Futura, Triq Wied il-Ghomor, St Julians, Malta delivered the draft terms of acquisition for registration and publication in terms of paragraph (a) of subsection 3 of Section 358 of the said Act

Ir-Reġistrazzjoni ġiet effettwata fit-22 ta' Jannar 2004.

Kull parti interessata fl-imsemmija kumpanniji hija infurmata li jekk ma ssirx oppożizzjoni skond il-ligi, l-għaqda tibda sseħħ tliet xhur wara d-data tal-publikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

Għall-finijiet tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' 1995 dwar il-Kumpanniji, ngħarrfu li s-Sur Kevin Mifsud l-istralċjarju tal-kumpannija Nico Vending Facilities Company Limited (C 26080) b'uffiċċju rreġistrat Franklin, Triq Dun Karm, B'Kara, Malta, ikkonsenja kopja tar-rendikont u ta' l-iskema tad-distribuzzjoni, flimkien mar-rapport ta' l-awdituri u l-prospett tal-laqgħa li tkun saret, skond l-artikolu 274 (2) ta' dan l-Att, biex l-isem ta' din il-kumpannija jitħassar minn fuq ir-Reġistru.

Ir-Reġistrazzjoni ġiet effettwata fil- 20 ta' Jannar 2004.

Kull persuna li jkollha interess f'din il-kumpannija hija avżata li jekk ma tagħmilx dan fil-Qorti Ċivili skond l-artikolu 275 ta' dan il-Att, ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Reġistru hekk kif jgħaddu 3 xhur mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji ngħarrfu li fil-24 ta' Jannar 2004 id-diretturi tal- Kumpannija Averton Properties Limited (C 25375) b'uffiċċju rreġistrat Polidano Group, Ħal Farruġ Road, Luqa, Malta, ikkonsenjaw għar-Reġistrazzjoni u pubblikazzjoni kopja ta' riżoluzzjoni straordinarja għal tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ, skond is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83 ta' dan l-Att.

Reġistrazzjoni ġiet effettwata fit-23 ta' Jannar 2004.

Kull kreditur tal-kumpannija li d-dejn tagħha kien jeżisti qabel il-pubblikazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni hu infurmat li jekk ma ssirx oppożizzjoni skond il-liġi, ir-riżoluzzjoni tibda sseħħ tliet xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

Registration was effected on 22nd January 2004.

Any interested party in the said companies is advised that unless objection to the operation is lodged in terms of law, amalgamation shall become effective on the lapse of three months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Notice is hereby given for the purpose of paragraph (e) of sub-section (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995 that Mr Kevin Mifsud liquidator of Nico Vending Facilities Company Limited (C 26080) with registered office at Franklin, Triq Dun Karm, B'Kara, Malta has delivered a copy of the liquidation accounts and of the scheme of distribution together with the auditors report and the Return of the General Meeting, in accordance with Section 274 (2) of this Act, for striking the name of the said company off the register.

Registration was effected on 20th January 2004.

Any person having an interest in the said company is hereby advised that unless an application is filed in the Civil Court in terms of Section 275 of the Act, the Registrar shall strike the name of the company off the Register on the expiration of 3 months from the publication of this notice.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

In accordance with paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995, it is hereby notified that on the 22nd January 2004 the directors of Averton Properties Limited (C 25375) with registered office Polidano Group, Ħal Farruġ Road, Luqa, Malta delivered for registration and publication a copy of an extraordinary resolution for a reduction of the issued share capital in terms of sub-section (1) of Section 83 of the said Act.

Registration was effected on 23rd January 2004.

Any creditor of the company whose debt existed prior to the publication of this statement is advised that unless objection is lodged in terms of law, the resolution shall become effective on the lapse of three months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

175

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili, b'digriet tad-19 ta' Jannar, 2004 ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att taż-Żwieġ ta' Margaret u Raymond Schembri li jġib n-numru 1718 tas-sena 1981 fis-sens illi fit-Taqsima dwar il-mara miżżewġa, fil-kolonna intestata 'Fejn Twieldu', il-post 'Qrendi' jiġi kkanċellat u jiġi sostitwit bil-post 'Żurrieq'.

CARMEN AQUILINA
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili
Illum, 19 ta' Jannar, 2004.

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 19th day of January, 2004 ordered the correction of the Act of Marriage of Margaret and Raymond Schembri bearing number 1718 of the year 1981 in the sense that in the 'Particulars respecting the Wife', in the column entitled 'Place of Birth' the place 'Qrendi' be cancelled and substituted by the place 'Żurrieq'.

CARMEN AQUILINA
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts
This, 19th day of January, 2004.

176

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Novembru 2003, fl-atti tal-kawża, Ċitazzjoni numru 1559/01 GC, fl-ismijiet V.J. Salomone Ltd vs Magri George et., ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti konjugi Magri u konjugi Vella, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' digriet, mogħti fil-5 ta' Marzu 2002, mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, il-kawża hawn fuq ċitata, ġiet rijappuntata għas-smigħ għall-21 ta' Marzu 2002, fid-9.00 a.m.

Konvenuti: Konjugi; George u Carmelina Magri,
Sunflower, Triq il-Ġibjun, Ħ'Attard.

John Mary u Maria konjugi Vella,
Hirondelle, Triq San Franġisk, l-Imġarr, Malta.

Il-kawża ġiet sussegwentement differita u issa tinsab differita għan-notifika tal-konvenuti konjugi Magri u konjugi Vella, bir-rijappuntament għat-3 ta' Frar 2004, fl-10.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 3rd November 2003, in the acts of the cause Writ of Summons number 1559/01 GC, in the names V. J. Salomone Ltd vs Magri George et., ordered the following publication, in order that the defendants spouses Magri and spouses Vella, be notified, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a decree, given on the 5th March 2002, by the First Hall Civil Court, the cause above mentioned, was reappointed, for hearing for the 21st March 2002, at 9.00 a.m.

Defendants: Spouses; George and Carmelina Magri,
Sunflower, Ġibjun Street, Attard.

John Mary and Mary spouses Vella,
Hirondelle, Saint Francis Street, Mġarr, Malta.

The cause was subsequently put off and is now put off in order that the defendant spouses Magri and spouses Vella, be notified, with the reappointment of the cause, on the 3rd February 2004, at 10.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 26th January 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

177

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Diċembru 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika, fil-konfront tal-konvenuti, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Archbishop Street, Valletta VLT 05, ippreżentaw ċitazzjoni fit-8 ta' Novembru 2002, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Raymond u Maria Victoria sive Vivvienne konjugi Mifsud, Flat 2, Mizzi Flats, Ġużè Ellul Mercer Street, Ħal Qormi, fejn talbu l-konvenuti għaliex dina l-Qorti in vista tal-premess m'għandhiex;

1. Tikkundannahom iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' ħamest elef, sitt mija u erbgħa u disgħin lira u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm5,694.55,0) kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, fuq il-kont Loan Account numru 054.100664 340; bl-imgħax mit-8% fis-sena b'effett mit-22 ta' Ġunju 2002 sal-pagament finali; kif ukoll

2. Tikkundannahom iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' tlettax -il elf, mija u erbgħa u sittin lira u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm13,164.43) kif intqal fiċ-ċitazzjoni, minnhom dovut fuq Overdraft Account numru 054 100664 001 flimkien ma' l-imgħax tat-8% fis-sena b'effett mis-17 ta' Settembru 2002, sal-pagament finali; b'kollox Lm18,858.98.0), (tmintax-il elf tmien mija u tmienja u ħamsin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu) oltre l-imgħax kif mitlub, u dana bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża, in vista ta' l-affidavit tal-Bank attur Dok AF anness, fit-termini ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12;

Bl-ispejjeż, bl-imgħaxijiet ulterjuri, kif mitlub, bl-ispejjeż ta' l-ittri tas-6 ta' Mejju 2002 u tas-26 ta' Awissu 2002, u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ġimgha, 6 ta' Diċembru 2002, il-kawża Ċitazz. Numru 1268/02 JRM, fl-ismijiet HSBC Bank Malta P.L.C. vs Mifsud Raymond et, ġiet appuntata għas-smigħ għat-Tnejn, 10 ta' Marzu 2003, fid-9.30 a.m.

Il-kawża, hawn fuq ċitata, ġiet sussegwentement differita u issa tinsab appuntata għas-6 ta' Frar 2004, fid-9.00 a.m., quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kif preseduta mill-Onorevoli Mħallef Joseph Azzopardi, LL.D.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Jannar, 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 19th December 2003, ordered the following publication in order that the defendants be notified, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Archbishop Street, Valletta VLT 05, filed a writ of summons on the 8th November 2002, in the First Hall Civil Court, against Raymond and Maria Victoria sive Vivvienne spouses Mifsud, Flat 2, Mizzi Flats, Ġużè Ellul Mercer Street, Qormi, whereby they asked the defendants, why this Court in view of the premised should not;

1. Condemn them to pay the plaintiff Bank the sum of five thousand, six hundred and ninety four liri and fifty five cents (Lm5,694.55,0) as stated in the writ of summons on the account Loan Account number 054.100664 340; with interest at 8% per annum with effect from the 22nd June 2002, till the final payment; as well

2. Condemn them to pay the plaintiff Bank the sum of thirteen thousand, one hundred and sixty four liri and forty three cents (Lm13,164.43) as stated in the writ of summons, due by them on Overdraft Account number 054 100664 001 together with interest of 8% per annum with effect from the 17th September 2002; till the final payment; in all Lm18,858.98.0 (eighteen thousand, eight hundred and fifty eight liri and ninety eight cents) besides interest as demanded, and this without proceeding to a hearing of the cause, in view of the affidavit of the plaintiff Bank Doc AF attached, in terms of Article 167 et seq. of hap. 12;

With costs, with further interests as demanded, with costs of the letters of the 6th May 2002 and the 26th August 2002 and the defendants are summoned, so that a reference to their oath be made.

By a Notice of hearing issued by the Superior Court Registry on Friday 6th December 2002, the cause writ of Summons. Number 1268/02 JRM, in the names HSBC Bank Malta P.L.C. vs Mifsud Raymond et, was appointed for hearing for Monday 10th March 2003, at 9.30 a.m.

The cause, above mentioned was subsequently put off and is now appointed to the 6th February 2004 at 9.00 a.m., before the First Hall Civil Court, as presided by the Hon. Mr Justice Joseph Azzopardi, LL.D.

Registry of the Superior Courts, today 26th January, 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

178

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Novembru 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Mirage Holdings Limited ippreżentaw ċitazzjoni fit-2 ta' Lulju 2003, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kontra J M Group Ltd., fejn talbu s-soċjetà konvenuta għaliex din il-Qorti ma għandhiex;

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Tikkundanna s-soċjetà attriċi għall-ħlas tas-somma ta' sebat'elef ħames mija u tlieta u disgħin lira Maltija u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm7,593.53) in kwantu prezz ta' fornitura u stallazzjoni ta' 'air conditioning units' u mgħax legali fuq l-istess, kif fuq ingħad, liema debitu huwa ċert, likwidu u dovut.

Bl-imgħaxijiet legali, mid-data ta' din iċ-ċitazzjoni, sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż, kontra s-soċjetà konvenuta li hija inġunta għas-subizzjoni.

Konvenut: J M Group Ltd
J. M. Building,
Naxxar Road,
Birkirkara.

Il-kawża, hawn fuq ċitata, Ċitazzjoni numru 669/03 GV, tinsab differita, għan-notifika, għall-11 ta' Frar 2004, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 27 ta' Jannar, 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati

It it is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 10th November 2003, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Mirage Holdings Limited filed a writ of summons on the 2nd July 2003, in the First Hall Civil Court, against J M Group Ltd, wherein they asked the defendant company, why this Court should not;

1. Decide this cause without proceeding to a hearing in terms of article 167 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta);

2. Condemn the defendant company to pay the sum of seven thousand five hundred and ninety three Maltese liri and fifty three cents(Lm7,593.53) as for price of supply and installation of 'air conditioning units' and legal interests on the same, as above stated, which debt is certain, liquidated and due.

With legal interests, from the date of this writ of summons, till the date of effective payment and with costs, against the defendant company, summoned, so that a reference, to its evidence be made.

Defendant: J M Group Ltd
J. M. Building,
Naxxar Road,
Birkirkara .

The cause, above mentioned, Writ of summons number 669/03 GV, has been put off in order that service be effected, to the 11th February 2004, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 27th January, 2004.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts

179

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili Prim Awla, permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Novembru 2003, ordnat illi l-ittra uffiċjali, hawn taħt riprodotta, tiġi notifikata lis-soċjetà intimata, Goliath Limited, permezz tal-pubblikazzjoni, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 8 ta' Lulju 2003.

Lil Goliath Limited.

Bil-preżenti, Lawrence Formosa (ta' 9, Marlaur, Triq Għar il-Lembi, Sliema), jagħmillek referenza għall-ittra uffiċjali tiegħek tas-26 ta' Ġunju 2003, u jirrespinġi bil-qawwa kollha l-pretensjonijiet minnek hemm dedotti, fl-ewwel lok għaliex hu ma kellu ebda relazzjoni ġuridika miegħek, imma b'soċjetà b'isem differenti; fit-tieni lok għaliex bla preġudizzju għas-suespost hu ma kkaġuna ebda dewmien u l-appalt li hu kien ta lis-soċjetà oħra ma tlestiex fiż-żmien patwit, unikament tort ta' l-istess soċjetà; u fit-tielet lok għaliex hu m'għandu jagħti lill-ħadd is-somma minnek hemm mitlub.

Għalhekk huwa jiddiffidak milli tieħu xi passi oħra fil-konfront tiegħu u jżommok responsabbli għal kull spejjeż li hu jinkorri inutilment biex jirribatti l-pretensjonijiet infondati tiegħek.

Ħallas l-ispejjeż tal-preżenti.

Mittent.....Omissis.....

Intimat: Goliath Development Ltd
Siġġiewi Road, Imqabba.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree, given on the 6th November 2003, ordered, that the respondent company Goliath Limited, be notified with the judicial letter, hereunder reproduced, by means of publication, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 8th July 2003.

To Goliath Limited.

By the present, Lawrence Formosa (of 9, Marlaur, Għar il-Lembi Street, Sliema) refers to your judicial letter of the 26th June 2003, and rebuts in the strongest manner, all your pretensions therein brought forward, in the first place, because he had no juridical relationship with you, but with a company with a different name, in the second place, without prejudice to the above, he caused no delay and the contract of works he had given to another company, was not completed within the time agreed, solely due to the fault of the same company; and in the third place, because he does not owe anyone, the sum therein asked.

Thus, he warns you not to take any other measures in his regard and holds you responsible, for all the expenses which he uselessly incurs in order to rebut your unfounded pretensions.

Pay the expenses of the present.

Interpellant.....Omissis.....

Respondent: Goliath Development Ltd
Siġġiewi Road, Mqabba.

Registry of the Superior Courts, today 27th January 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

180

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c, Spencer Hill, Marsa, ippreżentat avviż fis-6 ta' Ottubru 2003 fejn talbet it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenuta Karen Azzopardi, 'Lilfred', Triq l-Imqaddes Megalitiċi, San Pawl il-Baħar, tħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm652.85 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 2013/03 JR) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tat-13 ta' Frar, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 26 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Maltacom p.l.c, Spencer Hill, Marsa, filed a writ of summons on the 6th October 2003 against Karen Azzopardi, 'Lilfred', Triq l-Imqaddes Megalitiċi, St Paul's Bay, wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm652.85 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 2013/03 JR) has been put off for the sitting of the 13th February, 2003.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 26th of January, 2004.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

181

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Maltacom p.l.c, Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentat avviż fl-14 ta' Novembru 2003 fejn talbet it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenut Sandro Grima, 'St. Catherine', Flat 3, Triq il-Makna tas-Serrar, l-Imsida, iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm440.10 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 2277/03 JR) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tat-13 ta' Frar, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 26 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Maltacom p.l.c, Spencer Hill, Marsa, filed a writ of summons on the 14th November 2003 against Sandro Grima, 'St. Catherine', Flat 3, Triq il-Makna tas-Serrar, Msida wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm440.10 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 2277/03 JR) has been put off for the sitting of the 13th February, 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 26th of January, 2004.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

182

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c, Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentat avviż fl-1 ta' Settembru 2003 fejn talbet it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenut Joseph Abdilla, 'Mayflower Mans', Blk 1/3, Triq Bisazza, Tas-Sliema, iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm1,301.16 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 1702/03 JR) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tat-13 ta' Frar, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 26 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Maltacom p.l.c, Spencer Hill, Marsa, filed a writ of summons on the 1st September 2003 against Joseph Abdilla, 'Mayflower Mans', Blk 1/3, Triq Bisazza, Sliema, wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm1,301.16 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 1702/03 JR) has been put off for the sitting of the 13th February, 2003.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 26th of January, 2004.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

183

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c, Spencer Hill, Marsa, ippreżentat avviż fit-30 ta' Jannar 2003 fejn talbet it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenut Charles Dimech, 'Our Nest', Triq l-Independenza, Ħaż-Żebbuġ, iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm652.85 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 1941/03 JR) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tat-13 ta' Frar, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 26 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Maltacom Maltacom p.l.c, Spencer Hill, Marsa, filed a writ of summons on the 30th January 2003 against Charles Dimech, 'Our Nest', Triq l-Independenza, Żebbuġ, wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm652.85 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 1941/03 JR) has been put off for the sitting of the 13th February, 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 26th of January, 2004.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

184

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Santo Liotta, 3, Vella House, Triq A. Vella, Valletta, ippreżentat avviż fil-31 ta' Ottubru 2003 fejn talbet it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenut Simon Zammit, Island Turnkey, Company Limited, Palms, Flat 2, Triq Filippo Farrugia, Żurrieq ŻRQ 02 iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm430 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 2199/03 JR) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tas-27 ta' Frar, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 26 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure(Cap.12).

Santo Liotta, 3, Vella House, Triq A. Vella, Valletta, filed a writ of summons on the 31st October 2003 against Simon Zammit, Island Turnkey, Company Limited, Palms, Flat 2, Triq Filippo Farrugia, Żurrieq ŻRQ 02 wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm430 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 2199/03 JR) has been put off for the sitting of the 27th February, 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 26th of January, 2004.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

185

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Andrew Penza, 5, Gudja Road, Ħal Għaxaq, ippreżentat avviż fit-2 ta' April 2003 fejn talab it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenuti 1. Claes Nicklas K. Skalin, 113, Triq San Duminku, Valletta 2. Emmanuel Zammit, 8, Triq il-25 ta' Mejju 1743, Ħal Qormi, iħallsu lill-attriċi s-somma ta' Lm837.85 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 654/03 JR) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tas-27 ta' Frar, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 26 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Andrew Penza, 5, Gudja Road, Għaxaq, filed a writ of summons on the 2nd April 2003 against 1. Claes Nicklas K. Skalin, 113, Triq San Duminku, Valletta 2. Emmanuel Zammit, 8, Triq il-25 ta' Mejju 1743, Qormi, wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm837.85 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 654/03 JR) has been put off for the sitting of the 27th February, 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 26th of January, 2004.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

186

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited, Triq Fra Diego, il-Marsa, ippreżentat avviż fid-29 ta' Novembru 2002 fejn talbet it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenut Hussein A.S Mohammed, 17B, Flat 3, Triq l-Ibjar, Valletta, iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm952.86 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 2843/02 EG) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 26 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Mobisle Communications Limited, Triq Fra Diego, Marsa, filed a writ of summons on the 29th November 2003 against Hussein A.S Mohammed, 17B, Flat 3, Triq l-Ibjar, Valletta, wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm952.86 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 2843/02 EG) has been put off for the sitting of the 20th February, 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 26th of January, 2004.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

187

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Aldo Caruana u Nyal Xuereb eżerċenti l-kummerċ taħt isem Architecture Services ta' "Chinooks", Triq iċ-Ċagħaq, San Pawl il-Baħar, ippreżentaw avviż fl-24 ta' April 2003 fejn talbu t-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenuta Johanna Fiorni Lowell, "Il-Ħawt", Triq San Franġisk d'Assisi, Madliena, limiti tan-Naxxar, sabiex tħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm92 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 830/03 JB) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tat-2 ta' Frar, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 26 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Aldo Caruana and Nyal Xuereb as businessmen trading under the name of Architecture Services, "Chinooks", Triq iċ-Ċagħaq, St Paul's Bay, filed a writ of summons on the 24th April 2003 against Johanna Fiorni Lowell, "Il-Ħawt", Triq San Franġisk d'Assisi, Madliena, limits of Naxxar, wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm92 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 830/03 JB) has been put off for the sitting of the 2th February, 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 26th of January, 2004.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

188

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-15 ta' Jannar 2004 tal-Qorti tal-Maġistrati, (Malta), Maġistrat Dott. J Apap Bologna, B.A., LL.D., ġiet ordnata l-pubblikazzjoni li tidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

L-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet, ta' Project House, Floriana, ippreżenta ittra fl-10 ta' Marzu 2003 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 1051/2002, Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet versus Jane Borg, 'Charsnaf', Triq Giovanni Papaffy, Birkirkara, biex ikun jista jiżbanka l-ammont ta' mija u sitta u sebgħin lira u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm176.32), miċ-Ċedola ta' Depożitu 460/2003 depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti. L-esponenti ġa kien ottjena titolu eżekuttiv fis-16 ta' Marzu 1999. Il-Maġistrat laqa' t-talba fil-15 ta' Jannar 2004. B'din notifikat ukoll Bank of Valletta plc, 173, Triq San Kristoforu, Valletta.

Reġistru tal Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 27 ta' Jannar, 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS),LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that by a decree of the 15th of January 2004 of the Court of Magistrates (Malta), Magistrate Dr J. Apap Bologna, B.A., LL.D., the following publication which appears below for the purposes of notification of article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

